Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,651, 26 ta' Mejju, 2026

Taqsima B

A.L. 167 tal-2026

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2026 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Technical Design and Technology – B.Sc. (Hons) TDT – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2026 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Technical Design and Technology – B.Sc. (Hons) TDT – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Technical Design and Technology – B.Sc. (Hons) TDT – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 297 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2026 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok is-sottoparagrafu (b) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(b) (i) għaddew f'ħames suġġetti bi grad 5 jew aħjar fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja jew fil-livell 3 tas-SEC, inkluż fl-Ilsien Ingliż u fil-Malti, flimkien mal-Advanced Technicians Diploma tas-City and Guilds of London Institute, jew l-MCAST-BTEC Higher National Diploma fl-Electrical Engineering Livell 5, jew l-MCAST-BTEC Higher National Diploma fl-Electronic Engineering Livell 5, jew l-MCAST-BTEC Higher National Diploma fil-Mechanical Engineering Livell 5, jew kwalifika kkunsidrata bħala ekwivalenti mill-Bord tad-Dħul tal-Università fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord; jew

(ii) għaddew f'ħames suġġetti bi grad 5 jew aħjar fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja jew fil-livell 3 tas-SEC, inkluż fl-Ilsien Ingliż u fil-Malti, flimkien ma' Advanced Diploma tal-MCAST Livell 4 mogħtija f'qasam relatat ma dawn li ġejjin: tal-Inġinerija u t-Trasport, tal-Arti Kreattiva, it-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, ix-Xjenzi Applikati."

4. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-applikanti li għandhom d-Diploma in Design Foundation Studies jew is-Certificate in Foundation Studies fl-Inġinerija u l-ICT jew is-Certificate in Engineering Sciences mogħti mill-Università ta' Malta jistgħu wkoll ikunu kkunsidrati."